# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 10

L-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsillier |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Sammy Saliba (minħabba mpenji ta' xogħol).

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

Sinjura Rita Mifsud Attard - Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa

## 10.1 Approvazzjoni tar-rapport tar-Rendikonti Finanzjarji 2019 (Financial Statements 2019)

**10.1.01** Il-Kunsill ġie ppreżentat ir-Rendikont Finanzjarju għas-sena 2019 mingħand l-accountant tal-Kunsill. Dawn kienu tqassmu permezz tal-emajl lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa. Il-Kunsilliera approvaw unanimament dan ir-rapport.

**10.1.02** Is-Segretarja spjegat għall-benefiċċju tal-Kunsilliera l-ġodda l-proċedura tal-audit. Hi spjegat li wara l-audit jiġi ppreżentat ir-rapport finali mill-awdituri. F'dan ir-rapport finali għandu jkun hemm spjegazzjoni għaliex kien hemm żball fir-rapport tas-sena 2018 li minħabba fiħ deher li l-Kunsill kellu deficit meta fil-verita ma kienx hemm.

**10.1.03** Il-laqgħa ntemmet fid-9:45 a.m.

Konfermati, l-Erbgħa 26 ta' Marzu 2020

| | |
|---|---|
| **IKKONFERMATI** | **IKKONFERMATI** |
| Dr Daniel Attard<br>Sindku | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |